Program ta'-hidma tal-Kunsill Lokali Nadur 2011

Il-Kunsill Lokali jaħdem mal-kommunita fi tlett oqsma li huma l-amministrattiv, infrastruttura u ħidma edukattiva, soċjali u kulturali.

1. *Xogħol ta' amministrazzjoni*

Il-kunsill joffri numru ta servizzi lir-residenti tan-Nadur. Dan jinkludi:

- ġbir ta' skart bieb bieb mit-Tnejn sas-Sibt,
- ġbir ta' skart reciklat kull nhar tat-Tnejn
- ġbir ta' skart goff minn wara il-bieb darba fil-ġimgħa.
- Servizz ta skip kull nhar ta Tnejn Erbgħa u Sibt

L-uffiċċju tal-kunsill kien miftuh għall-pubbliku mit-Tnejn sal-Gimgħa bejn is-7.15 am u l-4.00 pm ħin tax-xitwa u bejn is-7.00a.m. u is 1.00 p.m ħin tas-sajf. Nhar ta Sibt l-uffiċċju ikun miftuh mit-8.00 a.m sas-11.30 a.m. Il-Kunsill għandu servizz ta' customer care u jilqa l-ilmenti mir-residenti. Kull ilment jiġi segwiet u il-persuna tingħata sodisfazzjon ta x'sar fuqu.

2. *Infrastrutta*

Manutenzzjoni ta' proġetti magħmula fl-aħħar sena

Permezz ta fondi tal-*Urban Improvement funds*, il-Kunsill għamel upgrading ta sqaq li jinsab fiċ-ċentru tar-raħal. Dan kien jikkonsiti fi bdil tas-servizzi tal-ilma, drenaġġ, kisi tas-sqaq bil-madum profido u tisbih permezz ta zewġ qsari kbar.

Din is-sena il-Kunsill għamel ukoll il-manutenzjoni meħtieqa fil-playing fields u ġonna li jinsabu fil-lokalita. Din kien jikkonsiti f'zebgħa u tranġar ta' apparat tal-logħob. Fil-playing field ta San Blas tpoġġa biċċa mit-tapit ġdid peress li nsteraq. Fl-istess ġnien twaħħlet l-arma tal-Kunsill magħmula miċ-ċeramika – xogħol li sar mit-tfal waqt kors organizzat mill-Kunsill bl-għajnuna ta Mary Portelli.

## Proġetti godda ta infrastruttura

Matul is-sena 2010 saru disgħa  toroq bit- tarmac.  Dawn huma

- Triq Dicembru 13
- Triq Grunju
- Triq Xjuf ir-Rih
- Triq Mithna il-Qadima
- Triq San Gakbu
- Triq Karlu Borg
- Triq Buskett
- Triq ta’ Mattija
- Triq San Indrija

Triq Dicembru Tlettax saret mill-fondi tal-Kunsill. Nbiddlu is-servizzi tal-ilma u tat-telefon. Il-kumplament tat-toroq l-oħra saru taħt l-iskema tal-Public Private Partnership (PPP).  F’din l-iskema l-Kunsill ingħata 20% mill-ispiza tat-toroq liema spiza giet ta madwar €500,000.  Il-Kunsill irrid iħallas dawn fuq zmien ta’ 8 snin.  Anke hawn sar tibdil tal-mains tal-ilma kif ukoll fi Triq San Indrija u Xjuf ir-Rih sar tibdil tas-servizz tal-GO. Peress li dawn it-toroq ma kienu saru qabel, kien hemm partijiet li kienu bil-ħamrija u allura kellu issir t-tħaffir biex tkun tista’ tinbena fuq is-sod.

Sar ir-restawr tas-salib tal-Pjazza. Ix-xoghol kien jikkonsisti f’tindif minn cement li tkaħħal bih is-salib matul is-snin u tikħil tas-salib u tat-turġin li jdawwruh. Twaħħlu ukoll bollards madwaru għal protezzjoni peress li mhux l-ewwel darba li ntlaqat minn xi vetturi u għamlulu ħsara.

Kien hemm problema ta’ ilma fi Triq Ta’ Said. Wara li ħadna il-parir tal-perit ġie deċiz li jitħaffer gandott fil-ġenb tat-triq biex l-ilma tax-xita jitlaq għal triq oħra. Ix-xogħol tlesta f’Ottubru u jidher li l-problema issolviet.

Permezz ta’ fondi minn Eco Ghawdex, qed issir il-bini ta ħitan tas-sejjieh fil-Wied Bingemma. Ser jitnaddaf bl-idejn il-parti minn fejn jgħaddi l-ilma. Hu maħsub li dan il-proġett jitlesta sa l-aħħr ta Mejju.

Wara ħafna emendi, il-MEPA approvat il-pjanta tal-pjazza San Pietru u San Pawl. Il-Kunsill qed jaħdem biex iġib l-approvazzjoni għal bini ta "Community Centre" fiz-zona tal-Hali. Din se tkun tikkonsisti f' child day care centre u minn fejn jistgħu jingħataw servizzi ta social worker u psychologist lil kommunita'. Għandna bzonn – permess tal-MEPA, devoluzzjoni tal-art u flus.

Proġetti zgħar li saru

- Ittranġaw numru ta passaġġi fl-għelieqi biex niffaċilitaw l-aċċessibilta għal-bdiewa tagħna.
- Ġiet irranġata t-tieni parti ta' Triq san Blas li tinzel għal bajja.
- Ittranġat parti minn triq f'San Blas li tieħu għal-Irdum.

3. *Ħidma Edukattiva, Soċjali u Kulturali*

Zgħazagħ

Twaqqaf il-Kunsill taz-zgħazagħ – Permezz ta' dan il-Kunsill iz-zgħazaghħ ikunu jistgħu jipparteċipaw b'mod dirett f'attivitajiet marbuta mall-kunsill. Dan il-kunsill organizza diversi laqgħat edukattivi u informattivi għaz-zgħazagħ kif ukoll għall-ġenituri. Suggetti diskussa kienu: STI, Saħħa Mentali u Fizika fiz-zgħazagħ. Saru ukoll numru ta, attivitajiet għaz-zgħazagħ.

Il-Kunsill Lokali huwa membru fil-European Charter of Rural Communities. Fih għandna membru li jinsab fis-sezzjoni taz-zgħazagħ. Matul is-sena 2011 inbagħtu tmien zgħazagħ fuq exchanges fil-Lussumburgu, Bucine fl-Italja u l-Irlanda. Intefgħet applikazzjoni biex sitt zgħazagħ oħra immorru fuq training camp dwar il-media fl-Ungerija.

Għat-tielet sena konsekuttiva bil-għajnuna tal-kunsill Lokali, z-zgħazagħ organizzaw il-fiera tal-ktieb, l-ideja hi li jrawwmu fost ir-residenti l-namra tal-qari. Peress li din is-sena hija iddedikata lil volontarjat huwa organizzaw attivitajiet biex jiġbru fondi għad-Dar tal-Providenza.

Saru ukoll numru ta' attivitajiet ta' volontarjat fir-residenza Sant Anna u d-Dar tal-Providenza. Bħas-snin l-imgħoddija fil-ġranet tal-Milied z-zgħzagħ zaru l-anzjani kollha tan-Nadur li ma joħorġux mid-dar.

Għat-tieni sena l-kunsill organizza il-*Youth Adventure* – club għal istudenti minn form 2 sa form 5. Attendew għal dawn l-attivitajiet tletin student. Il-kunsill impjega youth worker. Bħas-sena l-oħra nistgħu ngħidu kien suċċess mill-feedback li ħadna mill-istudenti infushom u l-ġenituri.

Anzjani

Id-day centre jiftah kull nhar tat-Tlieta. Ma dan is-servizz f'dawn l-aħħar ġimgħat ġie introdutt servizz ta' trasport għal dawk l-anzjani li għandhom problema ta' mobilita' biex dawn ikunu jistgħu jattendu d-day centre.

Il-kunsill organizza numru ta' ħargiet għal anzjani - tnejn f'Malta u tlieta f'Ghawdex.

Saret taħdita minn ufficcjal tal-pulizija dwar sigurta fid-dar. Dan fid-dawl li l-anzjana jistgħu jkunu vittmi ta serq. Saret ukoll taħdita minn persuna speċċjalizzata fuq il-kura tas-saqajn. Il-kunsill ta' ukoll numru ta servizzi lil anzjani fosthom l-għoti tal-labra tal-influwenza.

Edukazzjoni

- Kuntatt tajjeb mal-iskola primarja tan-Nadur – għoti ta' għajnuna lil librerija lokali – permezz ta kotba ġodda kif ukoll il-kunsill joffri sigħat extra biex il-librerija tiftah is-Sibt.
- Matul is-sena ġie organizzat il-kors baziku tal-Ingliz b'kollaborazzjoni mal-Lifelong Learning. Korsijiet matul is-sajf li jinkludu: kors tal-bizzilla, kors tal-arti għaz-zgħar u għal kbar, kors tal-mosaic.
- Il-kunsill organizza ukoll il-Child Day Care Centre li ikun miftuh matul ix-xhur tas-sajf mit-Tnejn sal-Gimgha.

Sport

Il-kunsill ħa sehem fl-inizjattiva li offra il-segretarjat għaz-zgħazagħ u sport flimkien mas-segretarjat għal-kunsilli lokali u wettaq 3 progetti. Dawn huma:

- *Walking Bus ghat-tfal ta l-iskola primarja*. L-iskop hu li jipromovi il-mixi lejn l-iskola.

- *Adults on the move* – attivita li hi popolari ħafna anke mal-anzjani. Dan il-programm joffri ezercizzju fiziku.

- *Girls on the Move* – permezz ta' din l-attivita ġbarna numru sabih ta adolexxenti tfajliet li qed jitrenjaw għall-basketball. Għal din l-iskema il-kunsill xtara l-apparat meħtieġ biex ikun jista isir dan l-isport.

Attivitajiet Kultural

Matul is-sena 2011 il-kunsill ħaseb biex jorganizza numru ta atttivitajiet kulturali għar-rahal. Dawn kienu:

- Blood Donation Day
- Wirjiet ta karozzi militari/ klassici f'Jum il-Kunsill u fl-attivita tal-Mayfair.
- Il-Christmas Market li hu mifrux fuq tlett ijiem
- Il-Karnival organizzat li isir ġimgħa qabel il-karnival spontanju. Ħa ħsieb ukoll it-tindif, dawl, ambulanza standby, mobile toilets, manaġjar ta' taffiku fil-karnival spontanju li jattira ammont kbir ta Maltin u turisti.
- Il-wirja agrarja fiz-zmien l-Imnarja
- Il-Wine Festival li isir b'kollaborazzjoni ma Delicata Winery
- Din is-sena saret ukoll il-Car Free Day –attivita immirati għal sezzjonijiet kollha tan-Nadur.

Barra minnhekk il-Kunsill ikkolabora mal-Kazin tal-Banda Imnarja biex jittella il-Kunċert annwali tal-Imnarja kif ukoll mal MUSEUM subien biex jittella programm ta talent fil-Knisja nhar il-Milied u l-wirja tal-Mejda ta' l-Appostli.  Ghen ukoll numru ta' għaqdiet biex itellgħu l-attivitajiet tagħhom.

Il-proġett *People Meet People*

F"Settembru 2011, il-kunsill tan-Nadur ospita delagazzjoni ta erbgħin persuna minn sebgħa pajjizi Ewropej. It-tema magħzula kienet kif il-popolazzjoni ta' zoni rurali qed jiġu affetwati. Saru diversi attivitajiet biex nilqgħu lid-elaggjoni fil-kommunita tagħna.

Ta’ min jgħid li dawn dawn ospitati kollha fil-familja fin-Nadur. Permezz tac-charter ukoll il-Kunsill Lokali ha sehem f’konferenza f’Lassee fl-Awstrija, f’Bucine l-Italja, fis-Slovenia u fl-Irlanda fejn attendew għaxar residenti min-Nadur u anke fl-Ingilterra.

Fondi mill-Ewropa

F’Dicembru kellna fostna delegazzjoni  ta’ ħamsin persuna minn Cicciano li aħna ġemellati magħha. Ħadna it-tema tal-volontarjat u il-Milied. Permezz ta’ dan l-inkontru stajna naqsmu id-drawwiet u t-tradizzjonijiet taz-zewg postijiet filwaqt li saħħaħna il-ġemellag ta’ bejnietna li sar hdax il-sena ilu.

Dan ix-xogħol ma kienx ikun possibli li kieku ma għandniex l-kollaborazzjoni sħiħa min-naħa tal-Ministeru għal Għawdex u mingħand is-Segretarjat Parlamentari għal Kunsilli Lokali. Bizzejjed ngħid li kien grazzi għal ħafna skemi imnedija mill-Gvern Centrali li il-Kunsill irnexxilu iwettaq numru ta’ proġetti u attivitajiet. Grazzi tmur ukoll għall-kunsilliera sħabi li jaħdmu għall-ġid tal-lokalita. Ix-xogħol fi ħdan il-kunsill ma jiqafx u naturalment dejjem jibqa lok għal izjed inizzjattivi u proġetti biex in-Nadur tagħna ikun isbah u aħjar.  Ħajr speċjali immur ukoll għall-amministrattiv tal-kunsill li wrew dedikazzjoni u inpenn fil-ħidma ta’ kuljum li l-kunsill jitlob. Nista ngħid li customer care tal-kunsill tagħna huwa eċċellenti. Nawgura ħidma tajba lil Kunsill l-ġdid li se jiġi elett f’Marzu 2012.

Miriam Portelli
Sindku